**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 53

**23 ta' Jannar, 2017**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fis-6.30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Frank Roe – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844  Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 53.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**53.1.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.**

**Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

### 53.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

**53.2.1 Is-Sindku stqarr li l-Kunsill għadu bil-problema ta' Triq ix-Xatt. Is-Sindku nnota ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv infurmah li Transport Malta għaddewlna pjanta li hija biss sketch u għaldaqstant il-kuntratturi li qegħdin jiġu kkuntattjati biex jikkwotaw għax-xogħol qegħdin issibu diffikulta peress li jridu jmorru jkejlu t-triq huma. Għaldaqstant il-Kunsill għadu qiegħed issib diffikulta biex ikollu idea ċara ta' kemm ser tkun l-ispiża biex it-triq tiġi *two ways* u biex ikun jista' jgħaddi l-kwotazzjonijiet lil Transport Malta Is-Sindku kompla jgħid li din hija sitwazzjoni nnaċċettabli u li r-residenti ta' Ta' Xbiex ilhom ibagħtu minnha minn April tat-2016. Is-Sindku kompla jgħid li huwa l-Kunsill li vera jaf x'inhi s-sitwazzjoni tat-traffiku fil-lokal tagħna u għaldaqstant għandu jkun il-Kunsill li jiddeċiedi kif għandu jkun l-immaneġġjar tat-traffiku.**

**53.2.2 Is-Sindku stqarr li l-Kunsill għandu jħares lejn il-possibilita' li jkollu *mobile phone plan*. Dan minħabba li l-Kunsill jagħmel numru kbir ta' telefonati fuq *mobile*. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta diversi *mobile phone plans* lill-Kunsill u dak tal-*Melita* deher li huwa l-iktar wieħed vantaġġjuż peress li jiswa 20 ewro fix-xahar u bih ikollok telefonati bla limitu.**

**Il-Kunsill qabel li għandna niċċekjaw il-pakketti sħaħ tal-*GO* u tal-*Melita* li jinkludu wkoll *internet* u telefonija qabel nikkommettu ruħna għal pjan partikolari.**

53.2.3 Is-Sindku innota li s-Segretarju Eżekuttiv ġie infurmat li l-*bollards* li qegħdin jitpoġġew minn *Atlas Insurance* qegħdien kontra l-liġi. Dan ġie ikkonfermat minn *Transport Malta* imma huma ma jistgħuwx iwaqqfuhom peress li ma għandhomx *enforcement officers*. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv innota li huwa informa lill-pulizija.

53.2.4 Is-Sindku innota li l-*accountant* tal-Kunsill innotifika lill-kunsill biex tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa tal-Kunsill dwar *deferred income* li jammonta għal €73,468 u biex jitnaqqas mil-proġett ta' Triq il-Watar. Tali deċiżjoni twassal biex id-deprezzament ta' dawn l-assi jkunu imqassmin aħjar fuq l-*accounts* tal-aħħar tas-Sena.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jitnaqqas mill-proġett ta' Triq il-Watar.

53.2.5 Is-Sindku stqar li Segretarju Eżekuttiv innota li l-*accountant* tal-Kunsill innotifika lill-kunsill biex jibda jieħu ħsieb ir-registru tal-assi fissi peress li dan ilu ma jiġi *updated* kif suppost għal numru ta' snin.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

53.2.6 Is-Sindku nnota wkoll li għandna nibdew nieħdu ħsieb iktar n-*notice boards* tal-Kunsill billi naġġornawhom iktar spiss biex ir-residenti jkunu iktar infurmati dwar l-attivitajiet u x-xogħol li jkun qiegħed iwettaq il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel.

## 53.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

52.3.1 L-iskeda ta' pagamenti tal-kontijiet ġiet approvata b'mod unanimu mill-kunsill.

## 53.4 Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2017

53.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv innota li l-Kunsill Lokali għadu ma stabbilixxiex data għal meta ser jagħmel laqgħa pubblika fejn fiha jispjega l-pjan ta' ħidma tal-Kunsill.

Il-Kunsill lokali qabel li mandhiex tissejjaħ laqgħa pubblika. Dan peress li filwaqt li l-Kunsill jifhem l-importanza tal-laqgħa ġenerali annwali, bħalissa l-Kunsill qiegħed jaffaċja kontroversja tal-kappara *junction* li qegħdha taffettwa r-residenti nġenerali. Għaldaqstant biex jevita problemi akbar, il-kunsill qabel li d-data ta' din il-laqgħa ħa tinagħta iktar il-quddiem meta din il-problema tissolva.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

53.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa ressaq il-*Budget* lill-Kunsill peress li fil-laqgħa ta' qabel dan ma kienx approvat. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ *budgets*, wieħed *itemized* u ieħor li qiegħed jiġi mitlub mid-dipartiment tal-gvern lokali. Il-*Budget* kien spjegat u l-allokazzjoni

fejn tidħol *social and cultural events* żdiedet b'għaxar t'elef għas-sena 2017. Dan seta jsir peress li d-dipartiment għal Gvern lokali għoġbu jżied 10,000 Ewro ma l-allokazzjoni minħabba l-fatt li Ta' Xbiex qiegħed jiġi meqjus bħala post turistiku.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandna nimxu ma dan il-*budget*.

## 53.5 Karnival

**53.5.1** Is-Sindku stqarr li s-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' mas-sur Alfred Chetcuti tat-*2minds events* biex jara x'ideat kellu għal karnival tal-*Marina* għal din is-sena imma dan ħareġ bl-ebda idea ġdida. Minflok, talab biex jara x'*budget* għandu l-Kunsill għal din l-attivita'. Is-Sindku kompla jgħid li aħna inġenerali l-karnival jiġina b'xejn u wara il-Kunsill jagħmel *budget* għal *advertising*. Is-Sindku stqarr li hu ippropona diversi ideat lis-Sur Chetcuti imma dan dejjem qatalu qalbu.

Sadanittant fuq parir tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv għamel kuntatt ma s-Sur Mario Camilleri. Dan jagħmel xogħol *part-time* fuq *events* u qiegħed fil-kumitat organiżżattiv tal-karnival.

Il-Kunsill qabel li d-data għandha tkun is-27 ta' Frar u bħala ħin għandna nieħdu parir mingħand l-*events manager* li ħa jkun imqabbad.

Is-Sindku stqarr li min joħroġ bl-aħjar pakkett għandu jieħu l-*management* tal-karnival tal-*Marina*.

Il-kunsilliera L Cachia Castelletti ssuġġerriet biex jiġu kkuntatjati skejjel bħal St. Francis u St. Monica biex jagħmlu kompetizzjoni tal-karrijiet.

## 53.6 *Performance Bonus* tas-Segretarji Eżekuttivi

**53.6.1** Il-Kunsill iddiskuta l-p*erformance bonus* tal-*ex* aġent Segretarju Eżekuttiv Matthew Dimech. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan għandu jingħata *performance bonus full* peress li l-ħidma tiegħu teċċedi dik mistennija.

**53.6.2** Il-Kunsill iddiskuta il-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv Clayton Xuereb. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan għandu jingħata *performance bonus full* peress li l-ħidma tiegħu teċċedi dik mistennija.

## 53.7 *Performance Bonus* tal-iskrivan Aris John Fenech

**53.7.1** Il-Kunsill iddiskuta l-*performance bonus* tas-sur Aris John Fenech li jokkupa l-pożizzjoni ta' skrivan mal-Kunsill Lokali ta' Ta Xbiex. Il-Kunsill innota li s-sur Fenech għandu potenzjal kbir imma dan qiegħed jonqos milli jurih fix-xogħol tiegħu ħabba raġunijiet varji. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li s-Sur Fenech għandu jinagħta *performance bonus* ta' 1.8 *per cent.*

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 53.8 Kuntratt tal-*printers* fl-uffiċini tal-kunsill

**53.8.1** **Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq lejn il-kunsill żewġ proposti ta' *Intercomp* biex ikun jista' jiġġedded il-kuntratt tal-*printers* peress li dan skada. Il-Kunsill qabel li nkomplu naħdmu ma *Intercomp* peress li dawn joffru servizz tajjeb.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

## 53.9 Rapporti mill-Kunsilliera

**53.9.1** **Il-Kunsillier E Muscat ippreżżenta il-*logo* li pprepara għal Festa Rizzi.**

**53.9.2** **Il-Kunsilliera L Cachia Castelletti nnotat li fin-naħa tal-knisja ma jsir xejn fejn jidħlu attivitajiet. Hija ssuġġeriet li Jum Ta' Xbiex isir lejn in-naħa tal-knisja u nagħmlu festin żgħir in-naħa taz- zuntier. Il-Kunsilliera ssuġġeriet ukoll biex ikun hemm xi tnaqqir u xorb biex turi s-sens ta' għaqda li hemm mal-Knisja. Il-Kunsilliera L Cachia Castelletti issuġġeriet ukoll biex l-attivitajiet li jsir f' Ta' Xbiex jingħaqdu f'*weekend* wieħed biex ikunu frankati l-flus u biex ukoll ikun *weekend* iddedikat għal Ta' Xbiex. L Cachia Castelletti qalet ukoll li ma tixtieqx li Festa Rizzi tiġi abbinata ma Jum Ta' Xbiex peress li kien hemm *negative feedback* fuqha. Hija qalet ukoll li jekk niddeċiedu li naħdmu mal-*Malta Arts Festival*, ħa nkunu rridu noqodu għal kriterji li jkunu jridu huma.**

**Is-Sindku nnota li jekk nagħmlu attivitajiet flimkien jista jkun li noqtlu l-idea li nagħmlu attivitajiet differenti. Is-Sindku qal li meta tgħaqqad żewġ attivitajiet flimkien inti titlef l-*brand name* tagħha u jista jkun li titlef l-idea li ġew għal Festa Rizzi biss jew Connecting through Culture biss. Jum Ta' Xbiex għanda tkun ma festa oħra u mhux waħieda. Is-Sindku nnota li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jabbina l-attivitajiet f'weekend wieħed għallura Jum Ta' Xbiex issir il-Ġimgħa, Connecting through Culture is-Sibt u il-Ħadd issir il-quddies.**

**Il-Kunsill qabel ukoll li l-attivita' ta Connecting through Culture għandha issir fit-2 ta Lulju.**

## 53.10 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 20 ta' Frar 2017.

**52.10.1** **Il-laqgħa intemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum it-Tnejn 20 ta' Frar, 2017.**

| | |
|---|---|
| **<u>IFFIRMATA</u>** | **<u>IFFIRMATA</u>** |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |